## Kunsill Lokali Mellieħa

# L-Estimi Annwali

## 2012

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| Ħarsa Ġenerali u Taqsira | 1 |
| L-Estimi tad-Dħul u l-Infiq | 3 |
| L-Estimi ta' l-Infiq Kapitali | 12 |
| L-Estimi tal-Flus Kontanti (*Cash Budget*) | 15 |

## 1.1. Ħarsa Ġenerali u Taqsira

Hekk kif il-Kunsill jinsab fir-raba sena tal-mandat tiegħu, wieħed jara li l-maġġor parti tal-proġetti mfassla qed jiġu mplimentati, jew ser jinbdew matul is-sena finanzjarja 2012. Uħud minnhom jinvolvu inpenn u sfidi relattivament kbar u għalhekk qed isiru sforzi biex jinġieb appoġġ mill-Gvern Ċentrali u finanzjament oltre l-allokazzjoni annwali bħalma huma l-Fond għat-Titjib Urban tal-MEPA, mill-programmi tal-Unjoni Ewropea, *public private public partnerships*, jew għajnuniet permezz tal-iskemi li jiġu ntrodotti minn żmien għal żmien.

Tard fl-2010, il-Kunsill daħal f'*private public partnership* li jorbot il-Kunsill, il-Gvern Ċentrali, flimkien mal-kuntrattur Central Asphalt Ltd biex jitwettaq ir-*resurfacing* u kostruzzjoni ta' bankini fi Triq l-Armier. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Gvern Ċentrali joħroġ 30% tal-ispiża totali, filwaqt li l-Kunsill iġorr 70%. L-istess ftehim jipprovdi wkoll li l-kuntrattur jitħallas fuq medda ta' tmien snin. L-ewwel fażi ta' dan il-proġett, swiet €379,000 u kienet tinvolvi il-parti bejn it-Triq Ta' Msid u Triq ir-Ramlet il-Qortin. Din tlestiet f'Ġunju li 2011, filwaqt li minn din it-triq 'il ġewwa ser jitkompla fl-ewwel tliet xhur tas-sena finanzjarja koperta b'dawn l-estimi. Skont ma' tħabbar, Transport Malta ser tkompli bix-xogħol fuq il-kostruzzjoni ta' toroq li fadal jsiru ġewwa Santa Marija Estate. Dawn huma Triq Ta' Fuq il-Widien, Triq il-Pont u Triq il-Qortin. Il-Kunsill ser jieħu din l-opportunita` biex iqiegħed aktar *service ducts* għat-titjib tad-dwal fiż-żona ta' Santa Marija Estate.

Fi Frar 2011 ġie inawgurat Ġnien Ħidmet il-Volontarjat fiż-żona ta' *Mellieħa Heights*. Sfortunatament dan sal-lum għadu mingħajr dawl minħabba li ma nħariġx il-*complaince certificate* mill-MEPA għar-raġuni li kien hemm diskrepanza żgħira fil-qlib tar-rampa li saret għall-persuni b'diżabilita`. It-tibdil meħtieġ issa sar u huwa ttamat li dan il-proġett jingħaq għal kollox, billi jinħareġ il-*compliance certificate* mill-MEPA u l-Korporazzjoni Enemalta tipprovdi s-servizz tal-elettriku sabiex ikun jista' jinxtgħel. L-ispiża fuq iż-żewġ fażijiet ta' dan il-proġett ser tkun laħqet kwart ta' miljun Ewro, bl-ewwel fażi tal-proġett swiet €33,000. Il-Kunsill ser ikun irkupra 80% minn din is-somma mil-Fond għat-Titjib Urban, amministrat mill-MEPA.

Ix-xogħol fuq il-post fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ beda f'Ġunju 2010 u minn dakinhar sal-lum ma waqafx, tant li llum nistgħu ngħidu li l-kostruzzjoni waslet fi stadju avvanzat. Fil-fatt sar il-bini tal-korsa, l-*multi-purpose court* u tulijiet konsiderevoli ta' ħitan tas-sejjieħ. Il-materjal kollu ġie ffinanzjat mill-Kunsill, filwaqt li l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali pprovda l-ħaddiema tiegħu jew ta x-xogħol lil kuntratturi privati fejn ma setax jasal bil-ħaddiema tiegħu. Huwa stmat li sa l-aħħar tas-sena preċedenti, in-nefqa fuq dan il-proġett mistennija li taqbeż €167,000. Preċiżament qabel daħlu fis-seħħ dawn l-estimi, ingħata kuntratt sabiex isiru d-dwal fil-kumpless kollu, inkluż il-*floodlighting* meħtieġ. Din il-fażi tal-proġett ser jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill waħdu u hija stmata li tiswa €145,000. Il-pavimentar tal-passaġġi ser isir minn kuntrattur imqabbad mit-Taqsima tax-Xogħlijiet. F'dan il-każ, l-ispiża hija stmata € 76,000, fejn il-Kunsill intrabat li jkopri €61,000 minnha. Attwalment qed jitħejja dokument tal-offerta sabiex isir ir-*rubber flooring* tal-korsa, il-*multi-purpose court* u fil-*play area*. Is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Isports issieħeb f'dan il-proġett bl-iffinanzjar tal-*open air gymnasium*. Il-Kunsill qed jaħseb ukoll fuq l-amministrazzjoni tal-kumpless wara li dan jitlesta. It-tmexxija tal-kumpless ser tinvolvi l-għaqdiet sportivi Melleħin li sal-lum għad m'għandhomx faċilitajiet fejn jipprattikaw l-isports tagħhom. Dawn huma t-timijiet tal-basketball, in-netball, il-volleyball u l-atletika.

F'dak li huwa konservazzjoni ta' beni storiċi, hemm il-proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, fejn kien hemm tibdil fil-pjanijiet oriġinali, fis-sens li minbarra t-tisbiħ tal-misraħ innifsu, ser jibdlu l-aperturi tal-aluminju li saru maż-żmien ma' oħrajn tal-injam. Ser jiġu trasferiti s-siġar eżistenti biex jitħawlu oħrajn li ma jikkawżax ħsara fil-paviment, filwaqt li ma jattirawx daqstant l-għasafar. Il-puġġaman eżistenti ser jinbidel ukoll ma' wieħed tal-ħadid, kif ukoll isir pavimentar b'ġebel volkanu, imżewwaq bil-ġebel tal-qawwi u funtana. L-aċċess għall-misraħ ser ikun ristrett bil-għan li dan isir żona pedonali fejn wieħed jista' jieqaf u jġawdi l-madwar. Ġew ivvutati €320,000 għal dan il-għan, filwaqt li saret talba sabiex dan il-proġett

jiġi ffinanzjat permezz ta' Vot għal Inizjattivi Speċjali, amministrat mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali. It-talba ġiet aċċettata u llum il-Gvern Ċentrali huwa kommess li jalloka €407,677 b'risq dan il-proġett.

Il-Kunsill kien talab id-devoluzzjoni ta' numru ta' proprjetajiet pubbliċi f'Selmun u l-Imġiebaħ, bil-għan li jinħoloq *heritage trail*, li jkun jinkludi l-bini rurali li hemm quddiem il-Palazz ta' Selmun, miġbħa antika tan-naħal, numru ta' strutturi tat-Tieni Gwerra Dinjija u lqugħ għall-ilma tax-xita li jinsab fil-Ballut tal-Imġiebaħ. Dan huwa proġett estensiv li jirrikjedi finanzjament sostanzjali li stmat illi jlaħħaq 'il fuq minn €900,000. Dawn il-fondi ġew allokati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali taħt il-Miżuri 313 u 313. Is-somma msemmija tinkludi l-kofinanjament mill-Gvern.

Il-Kunsill ser jara li jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-Batterija ta' Westreme, fejn hemm il-Mużew tat-Tunnara billi qed issirlu ħsara kkaġunata mill-elementi. Jeħtieġ ukoll li jsir *resurfacing* tal-parkeġġ li hemm fuq in-naħa ta' wara tal-batterija, f'Dawret it-Tunnara. Bil-kollaborazzjoni tal-Historical Military and Maritime Society qed naħdmu biex naraw kif dan il-post jista' jiġi rijabilitat u jinfetaħ għall-pubbliku. Jeħtieġ li jiġu jdentifikati x-xogħlijiet l-aktar urġenti u jintalab il-permess tal-MEPA biex dawn isiru. Ser issir sejħa għall-offerti sabiex ikun hemm aċċess adekwat għall-persuni b'diżabilita` minn Triq il-Kappillan Magri għax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija.

L-estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv huwa suġġett li qajjem dibattitu fis-seduti tal-Kunsill, liema dibattitu wassal biex tittieħed deċiżjoni aktar infurmata, u hekk li f'Awwissu 2011 kien iffirmat konvenju bejn il-Kunsill u l-Mellieħa Sports Club, li għandu jwassal għall-att finali wara li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa mill-MEPA, kemm biex jiġu regolarizzati jew sanzjonati ċertu aspetti tal-binja, kif ukoll biex ikun jista' jintuża bħala uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Il-prezz miftiehem bejn il-partijiet huwa ta' €210,000, pagabbli fuq medda ta' sentejn.

Filwaqt li l-Kunsill qed jara li jkompli jorganizza attivitajiet kulturali qed jagħmel sforż biex dawn ma jkunux ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill, billi jikseb għajnuna mill-Gvern Ċentrali permezz tal-iskemi li ntroduċa s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali, kif ukoll minn entitajiet privati. Għas-sena li ġejja ġew ivvutati €65,000 għall-attivitajiet kulturali. Bejn Jannar u Diċembru 2011 il-Kunsill ser ikun daħħal iktar minn €20,000 bħala *sponsorship* b'risq l-attivitajiet li organizza - fil-parti l-kbira taħt l-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali, amministrata mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Wieħed irid jaċċenna li jkun hemm għaqdiet, entitajiet kummerċjali u individwi li għalhemm ma jikkontribwux bil-flus, jagħtu sehemhom b'mezzi oħra sabiex jittellgħu l-attivitajiet. Hemm ukoll l-involviment fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali u sportivi mal-għaqdiet tal-lokalita`.





Robert Cutajar

**Is-Sindku**

Carmel Debono

**Is-Segretarju Eżekuttiv**

## 2.1 L-Estmi Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | a<br>ESTMI 2011 € | b<br>PREVIZJONI 2011 € | c<br>ESTMI 2012 € | c-a/a-c<br>VAR (ESTMI-ESTMI) € | c-b/b-c<br>VAR (ESTMI-PREVIŻ.) € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 998,148.00 | 1,158,074.20 | 1,607,113.00 | 608,965.00 | 449,038.80 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 11,300.00 | 43,632.00 | 15,100.00 | 3,800.00 | (28,532.00) |
| 0090 | L-Investiment | 15,000.00 | 6,065.00 | 10,000.00 | (5,000.00) | 3,935.00 |
| 0100 | Ġenerali | 182,195.00 | 172,400.00 | 36,745.00 | (145,450.00) | (135,655.00) |
| | **TOTAL** | **1,206,643.00** | **1,380,171.20** | **1,668,958.00** | **462,315.00** | **288,786.80** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 113,641.73 | 93,144.16 | 113,522.93 | 118.80 | (20,378.77) |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 663,490.00 | 578,590.00 | 703,836.00 | (40,346.00) | (125,246.00) |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 1,309,600.00 | 708,639.00 | 1,946,241.00 | (636,641.00) | (1,237,602.00) |
| | **TOTAL** | **2,086,731.73** | **1,380,373.16** | **2,763,599.93** | **(676,868.20)** | **(1,383,226.77)** |
| | **Bilanċ** | **(880,088.73)** | **(201.96)** | **(1,094,641.93)** | **(214,553.20)** | **(1,094,439.97)** |

**Noti:**

## 2.2 L-Estmi tad-Dħul fid-dettall

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | a<br>ESTMI<br>2011<br>€ | b<br>PREVIZJONI<br>2011<br>€ | c<br>ESTMI<br>2012<br>€ | c-a<br>VAR<br>(ESTMI-ESTMI)<br>€ | c-b<br>VAR<br>(ESTMI-PREVIŻ.)<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dħul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 953,148.00 | 943,873.20 | 990,928.00 | 37,780.00 | 47,054.80 |
| 0002 | Supplimentari | | 0.00 | 0.00 | | |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | 5,000.00 | 0.00 | | (5,000.00) |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | | 48,700.00 | 0.00 | | (48,700.00) |
| 0015 | Ħwejjeġ oħra | 45,000.00 | 160,501.00 | 616,185.00 | 571,185.00 | 455,684.00 |
| | | **998,148.00** | **1,158,074.20** | **1,607,113.00** | **608,965.00** | **449,038.80** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 11,000.00 | 15,330.00 | 9,800.00 | (1,200.00) | (5,530.00) |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 300.00 | 8,902.00 | 300.00 | | (8,602.00) |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | 0.00 | 0.00 | | |
| 0066 | Ġenerali | | 19,400.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | (14,400.00) |
| | | **11,300.00** | **43,632.00** | **15,100.00** | **3,800.00** | **(28,532.00)** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 15,000.00 | 6,065.00 | 10,000.00 | (5,000.00) | 3,935.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | 0.00 | 0.00 | | |
| | | **15,000.00** | **6,065.00** | **10,000.00** | **(5,000.00)** | **3,935.00** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 100.00 | 3,300.00 | 500.00 | 400.00 | (2,800.00) |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 182,095.00 | 169,100.00 | 36,245.00 | (145,850.00) | (132,855.00) |
| | | 182,195.00 | 172,400.00 | **36,745.00** | (145,450.00) | (135,655.00) |
| | **TOTAL** | **1,206,643.00** | **1,380,171.20** | **1,668,958.00** | **462,315.00** | **288,786.80** |

**Noti:**

0020 Huma fondi li joriġinaw mill-ħlas għal korsijiet li jorganizza l-Kunsill, kif ukoll mill-ħruġ ta' permessi għat-tqegħid ta' *skips* f'postijiet pubbliċi.

0120 Il-fondi miġbura taħt dan il-vot jirriżultaw mill-ħruġ ta' permessi bis-saħħa ta' l-Avviż Legali 119 tal-2003 eż. attivitajiet temporanji, tqegħid ta' makkinarju tal-kostruzzjoni f'postijiet pubbliċi, tħaffir ta' trinek eċċ. Mis-sena 2009 beda jkun hemm dħul permezz tal-*Bye-Laws* 37/2/2009 dwar Attivitajiet fil-Beraħ li jirregolaw l-ikkampjar u l-*barbecues*

## 2.3 L-Estmi ta' l-Infiq fid-dettall

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | ESTMI 2011 € (a) | PREVIZJONI 2011 € (b) | ESTMI 2012 € (c) | VAR (ESTMI-ESTMI) € (a-c) | VAR (ESTMI-PREVIŻ.) € (b-c) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 9,546.00 | 9,561.00 | 9,622.00 | (76.00) | (61.00) |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 75,311.00 | 68,388.61 | 77,810.00 | (2,499.00) | (9,421.39) |
| 1300 | Bonus | 10,300.00 | 6,455.00 | 6,454.93 | 3,845.07 | 0.07 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,211.00 | 1,053.75 | 1,211.00 | | (157.25) |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 6,873.73 | 6,214.00 | 7,125.00 | (251.27) | (911.00) |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 0.00 | 0.00 | 0.00 | | |
| 1700 | Sahra | 2,000.00 | 1,471.80 | 2,500.00 | (500.00) | (1,028.20) |
| 1800 | L-Onorarja tal-Kunsillieri | 8400.00 | 0.00 | 8,800.00 | (400.00) | |
| | | **113,641.73** | **93,144.16** | **113,522.93** | **118.80** | **(11,578.77)** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/i€a/tel. etc.) | 14,213.00 | 15,550.00 | 16,165.00 | (1,952.00) | (615.00) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 3,780.00 | 2,000.00 | 3,800.00 | (20.00) | (1,800.00) |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 136,350.00 | 103,800.00 | 192,100.00 | (55,750.00) | (88,300.00) |
| 2400 | Kera | 1,167.00 | 1,149.00 | 2,700.00 | (1,533.00) | (1,551.00) |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Inter/nazzjonali | 1,300.00 | 530.00 | 1,200.00 | 100.00 | (670.00) |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 7,700.00 | 7,700.00 | 9,000.00 | (1,300.00) | (1,300.00) |
| 2700 | Trasport | 1,050.00 | 2,000.00 | 3,900.00 | (2,850.00) | (1,900.00) |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 9,000.00 | 1,088.00 | 3,800.00 | 5,200.00 | (2,712.00) |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 24,050.00 | 13,726.00 | 23,300.00 | 750.00 | (9,574.00) |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 315,380.00 | 303,200.00 | 316,671.00 | (1,291.00) | (13,471.00) |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 14,700.00 | 14,309.00 | 21,100.00 | (6,400.00) | (6,791.00) |
| 3200 | Taħriġ | 10,000.00 | 22,000.00 | 17,900.00 | (7,900.00) | 4,100.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 109,500.00 | 87,148.00 | 87,100.00 | 22,400.00 | 48.00 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 3,300.00 | 2,810.00 | 3,100.00 | 200.00 | (290.00) |
| 3600 | LES Spejjez ta` l-Infurzar Lokali | 12,000.00 | 1,580.00 | 2,000.00 | 10,000.00 | (420.00) |
| 3700 | Progetti ta' l-Unjoni Ewropea | 10,000.00 | 5,439.04 | 10,000.00 | | (4,560.96) |
| 3800 | Gemellaggi | 10,500.00 | 3,918.00 | 14,863.92 | (4,363.92) | (10,945.92) |
| | | **663,490.00** | **578,590.00** | **703,836.00** | **(40,346.00)** | **(125,246.00)** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjetà | 80,000.00 | 23,800.00 | 118,700.00 | (38,700.00) | (94,900.00) |
| 7100 | Bini | | 0.00 | 0.00 | | |
| 7200 | Titjib | 95,600.00 | 80,000.00 | 99,000.00 | (3,400.00) | (19,000.00) |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 3,000.00 | 710.00 | 3,000.00 | | (2,290.00) |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 1,131,000.00 | 604,129.00 | 1,725,541.00 | (594,541.00) | (1,121,412.00) |
| | | **1,309,600.00** | **708,639.00** | **1,946,241.00** | **(636,641.00)** | **(1,237,602.00)** |
| | **TOTAL** | **2,086,731.73** | **1,380,373.16** | **2,763,599.93** | **(676,868.20)** | **(1,374,426.77)** |

**Noti:**

## 2.3. L-Estimi tad-Dħul u l-Infieq fid-Dettal (ikomplu)

| A/C NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2012 (€) |
|---|---|---|
| **Income** | | **1,670,558.00** |
| 0001 | Annual Government Income | 990,928.00 |
| 0004 | Government Delegations | |
| 0015 | Other Government Income | 616,185.00 |
| 0020 | Bye-Laws | 9,800.00 |
| 0036/54 | L.E.S. Income | 300.00 |
| 0056 | Sponsorships | |
| 0066 | General | 1,600.00 |
| 0070 | European Union Funds | 5,000.00 |
| 0091 | Bank Interest | 10,000.00 |
| 0110 | Donations | 500.00 |
| 0120 | Contributions | 36,245.00 |
| **Expenditure** | | |
| **1000** | **Personal Emoluments** | **114,047.17** |
| 1100 | Mayor's Allowance | 9,622.00 |
| 1200 | Employee Salaries and Wages | 77,810.00 |
| 1300 | Bonuses | 6,979.17 |
| 1400 | Income Supplements | 1,211.00 |
| 1500 | Social Security Contributions | 7,125.00 |
| 1600 | Allowances | 0.00 |
| 1700 | Overtime | 2,500.00 |
| 1800 | Councillors Allowance | 8,800.00 |
| ***2000*** | ***Operations and Maintenance*** | |
| **2100** | **Utilities** | **16,165.00** |
| 2130 | Electricity - Council Office | 2,100.00 |
| 2131/8 | Electricity - Council Property | 4,600.00 |
| 2140 | Water - Council Office | 265.00 |
| 2141/4 | Water - Council Property | 700.00 |
| 2150 | Comm. Equipment Rentals | 750.00 |
| 2160 | Comm. Equipment Charges | 5,300.00 |
| 2170 | Wide Area Connectivity Charges | 1,670.00 |
| 2171 | Internet Centre Charges | 280.00 |
| 2180 | Security Services | 500.00 |

| A/C NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2012 (€) |
|---|---|---|
| **2400** | **Rents** | **2,700.00** |
| 2401 | Council Office Rent | |
| 2402 | Devolved Property Rents | 2,700.00 |
| **2500** | **Inter/National Membership** | **1,200.00** |
| 2530 | Membership in Other Organisations | 100.00 |
| 2540 | Participation Fees - International Mtgs | 200.00 |
| 2541 | Participation Fees - National Meetings | 800.00 |
| 2560 | Membership in Local Organisations | 100.00 |
| **2600** | **Office Services** | **9,000.00** |
| 2610 | Printing | 1,000.00 |
| 2620 | Stationery | 2,800.00 |
| 2630 | Subscriptions | 700.00 |
| 2650 | Postage | 900.00 |
| 2670 | Other Office Services | 100.00 |
| 2680 | Photocopier Running Costs | 3,500.00 |
| **2700** | **Transport** | **3,900.00** |
| 2720 | Hire of Transport | 1,000.00 |
| 2730 | Hire of Self-Drive Cars | 600.00 |
| 2750 | Fuel | 200.00 |
| 2760 | Use of Personal Vehicles | 2,000.00 |
| 2780 | Transport to Malta/Gozo | 100.00 |
| **2900** | **Information Services** | **23,300.00** |
| 2930 | Public Relation Expenses | 6,000.00 |
| 2940 | Advertising | 1,000.00 |
| 2960 | Publications | 5,000.00 |
| 2970 | Newsletter | 11,300.00 |
| 2990 | Participation in Fairs & Exhibitions | 2000.00 |

## 2.3. L-Estimi tad-Dħul u l-Infiq fid-Dettal (ikomplu)

| A/C NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2012 (€) |
|---|---|---|
| **2200** | **Materials and Supplies** | **3,800.00** |
| 2220 | Cleaning Materials and Supplies | 300.00 |
| 2230 | Uniforms | 1,500.00 |
| 2250 | Spare Parts | 2,000.00 |
| **2300** | **Repair and Upkeep** | **192,100.00** |
| 2310 | Public Property | 500.00 |
| (1) 2311 | Road Repairs (Patching) | 50,000.00 |
| (2) 2311 | Paving | 30,000.00 |
| (3) 2311 | Masonry | 1,500.00 |
| (4) 2311 | Culverts | 8,000.00 |
| (5) 2311 | Rubble Walls | 2,000.00 |
| (6) 2311 | Embellishment | 5,000.00 |
| (9) 2311 | Earthworks | 2,000.00 |
| (10) 2311 | Cleaning and Clearing | 1,000.00 |
| (12) 2311 | Farm Roads | 3,000.00 |
| 2313 | Signs | 35,000.00 |
| 2314 | Road Markings | 25,000.00 |
| 2316 | Bus Shelters | 2,000.00 |
| 2319 | Litter Bin Repairs | 5,000.00 |
| 2330 | Office Furniture/Equipment | 350.00 |
| 2360 | Sundry Repairs | 250.00 |
| 2370 | Other Repair and Upkeep | 20,000.00 |
| 2375 | Council Property | 1,500.00 |

| A/C NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2012 (€) |
|---|---|---|
| **3000** | **Contractual Services** | **316,671.00** |
| 3010 | Street Lighting | 9,000.00 |
| 3030 | Insurance | 2,000.00 |
| 3035 | Bank Charges | 500.00 |
| 3040 | Waste Disposal | 300.00 |
| 3041 | Refuse Collection | 120,000.00 |
| 3042 | Bulky Refuse | 21,400.00 |
| 3044 | Open Skips / Bring In Sites | 1,400.00 |
| 3050 | Cleaning Services | 350.00 |
| 3051 | Street Cleaning | 40,800.00 |
| 3052 | Non-Urban Roads | 31,421.00 |
| 3053 | Public Conveniences | 45,000.00 |
| 3055 | Cleaning of Council Premises | 3,500.00 |
| 3061 | Parks and Gardens | 32,000.00 |
| 3063 | Beach Cleaning | 2,000.00 |
| 3064 | Non-Urban Areas | 2,000.00 |
| 3090 | Studies & Consultations | 5,000.00 |
| **3100** | **Professional Services** | **21,100.00** |
| 3110 | I.T. Development Services | 1,000.00 |
| 3120 | Management & Operating Services | 12,500.00 |
| 3130 | Engineering Services | 1,100.00 |
| 3140 | Legal Services | 5,000.00 |
| 3160 | Accountancy Services | 1,500.00 |

## 2.3. L-Estimi tad-Dħul u l-Infiq fid-Dettal (ikomplu)

| A/C NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2012 (€) |
|---|---|---|
| **3200** | **Training** | **17,900.00** |
| 3250 | Course Fees - Local Training | 500.00 |
| 3260 | Courses Organized by Council | 17,400.00 |
| **3300** | **Community and Hospitality** | **87,100.00** |
| 3310 | Entertainment | 2,000.00 |
| 3320 | Conference Expenses | 8,000.00 |
| 3360 | Social Events | 1,000.00 |
| 3370 | Cultural Events | 65,000.00 |
| 3380 | Community Services | 9,000.00 |
| 3390 | Donations | 0.00 |
| 3391 | Public Library | 2,100.00 |
| **3400** | **Incidental Expenses** | **3,100.00** |
| 3410 | Sundry Minor Expenses | 2,600.00 |
| 3411 | Administrative Charges | 500.00 |
| **3600** | **Local Enforcement Services** | **2,000.00** |
| **3700** | **European Union Projects** | 10,000.00 |
| 3701 | Projects Financed under EU Programmes | 10,000.00 |
| **3800** | **Twinnings** | 14,863.92 |
| 3801 | Adenau | 4,954.64 |
| 3802 | Cavriglia | 4,954.64 |
| 3803 | Agia Napa | 4,954.64 |
| **2800** | **Travel** | **3,800.00** |
| 2810 | Overseas Tickets | 1,500.00 |
| 2820 | Overseas Subsistance & Accom. | 1,500.00 |
| 2830 | Overseas Hospitality | 800.00 |

| A/C NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2012 (€) |
|---|---|---|
| | ***Capital Expenditure*** | |
| **7000** | **Acquisition of Property** | **118,700.00** |
| 7001 | Council Office Extension | 118,700.00 |
| **7100** | **Construction** | **0.00** |
| | | 0.00 |
| **7200** | **Improvements** | **99,000.00** |
| 7210 | Office Improvements | 58,000.00 |
| 7220 | New Street Lamps | 41,000.00 |
| 7230 | New Traffic Signs/Railings | 0.00 |
| 7245 | New Litter Bins | 0.00 |
| **7300** | **Equipment** | **3,000.00** |
| 7310 | Office Equipment | 1,500.00 |
| 7311 | Computer Hardware | 1,500.00 |
| **7500** | **Special Programmes** | **1,725,541.00** |
| 7501 | Country Park Facilities | 4,000.00 |
| 7502 | Road Resurfacing | 263,864.00 |
| 7504 | Churches Area Foodlighting | 6,000.00 |
| 7505 | Tunnara Museum Project | 10,000.00 |
| 7508 | Gnien Hidmet il-Volontarjat | 12,000.00 |
| 7509 | Ta' l-Ibrag Family Park | 460,000.00 |
| 7510 | Misrah iz-Zjara tal-Papa G. Pawlu II Emb. | 407,677.00 |
| 7514 | Improvement of Coastal Areas | 5,000.00 |
| 7516 | Triq Q. Barrani Emb.& Traffic Mgmt. | 117,000.00 |
| 7519 | Triq l-Erwieh Playing Field Imp. | 100,000.00 |
| 7520 | Misrah il-Parrocca Manikata Emb. | 90,000.00 |
| 7521 | Gnien Dun Anton Debono Imp. | 75,000.00 |
| 7522 | Selmun & Imgiebah Heritage Trail | 15,000.00 |
| 7523 | Qasam Ta' Pennellu Imp. | 70,000.00 |
| 7524 | Torri l-Abjad Project | 40,000.00 |
| 7525 | Gnien il-Qighan Imp. | 50,000.00 |

## 2.3 L-Estimi tad-Dħul u l-Infiq fid-Dettal (ikomplu)

| | |
|---|---|
| **Recurrent** | |
| Personal Emoluments | 114,047.17 |
| Utilities | 16,165.00 |
| Materials and Supplies | 3,800.00 |
| Repair and Upkeep | 192,100.00 |
| Training | 17,900.00 |
| Community and Hospitality | 87,100.00 |
| Incidental Expenses | 3,100.00 |
| Local Enforcement Services | 2,000.00 |
| Travel | 3,800.00 |
| Rents | 2,700.00 |
| Inter/National Membership | 1,200.00 |
| Office Services | 9,000.00 |
| Transport | 3,900.00 |
| Information Services | 23,300.00 |
| Contractual Services | 316,671.00 |
| Professional Services | 21,100.00 |
| European Union Projects | 10,000.00 |
| Twinnings | 14,863.92 |
| Total Recurrent | 842,747.09 |
| **Capital** | |
| Acquisition of Property | 118,700.00 |
| Construction | 0.00 |
| Improvements | 99,000.00 |
| Equipment | 3,000.00 |
| Special Programmes | 1,725,541.00 |
| Total Capital | 1,946,241.00 |
| **Total Estimated Expenditure** | 2,788,988.09 |

| | | |
|---|---|---|
| | Bank Bal. & Cash as on 31/12/10 | 1,288,656.00 |
| | Estimated Surplus/Deficit as at Dec'11 | -16,359.00 |
| | Estimated Opening Balance 2012 | 1,272,297.00 |
| 0000 | Estimated Income 2012 | 1,670,558.00 |
| | Total Estimated Expenditure 2011 | 2,788,988.09 |
| | Surplus/Deficit (Contingency Fund) | 153,866.91 |
| | Annual Allocation/Suplus % | 15.53 |
| | Recurrent | % |
| | Personal Emoluments | 14 |
| | Administrative Expenses | 26 |
| | Repair and Upkeep | 23 |
| | Contractual Services | 38 |
| | | 100 |
| | **Capital** | **%** |
| | Acquisition of Property | 6.1 |
| | Construction | 0.0 |
| | Improvements | 5.1 |
| | Equipment | 0.2 |
| | Special Programmes | 88.7 |
| | | 100.0 |

## 2.4. Noti dwar l-Infiq Rikorrenti

| | |
|---|---|
| 1100 | Is-salarju ta' Membru Parlamentari għas-sena 2012 ser jammonta għal €19,244. Skont il-ligi, l-Onorarja tas-Sindku, fil-każ ta' Kunsill Lokali ta' seba' kunsilliera, m'għandiex teċċedi 50% ta' dan is-salarju, i.e. €9,622. |
| 1200 | L-ispiża fuq il-pagi ta' l-impjegati ser titla` bi €417 fuq dik tal-2011 biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet statutorji għall-għoli tal-ħajja. Din is-somma hija biżżejjed biex tkopri s-salarju tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Assistent Prinċipali fi Skala 11 u tliet Uffiċjali oħra fi Skala 15. |
| 1300 | Il-*bonus* ta' Ġunju u Diċembru ġie kkalkulat fuq il-ħames impjegati tal-Kunsill u għalhekk ilaħħaq €1,351. Il-*Performance Bonuses* ġew maħduma fuq il-paga bażika għall-2012 u għalhekk ser jammontaw għal €6,979. |
| 1400 | Id-Dħul Supplimentari jitħallas lill-impjegati f'Marzu u Settembru 2012, bir-rata ta' €4.66 fil-ġimgħa. |
| 1500 | Il-Kontribuzzjoni tas-Siġurtà Soċjali mħallsa mill-Kunsill hija ikkalkulata bħala 10% tal-Paġi ta' l-Impjegati. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv, il-kontribuzzjoni tlaħħaq €33.50 fil-ġimgħa. |
| 1800 | L-*Allowance* tal-Kunsillieri, li huwa ntitolat għaliha s-Sindku, tammonta għal €100 fix-xahar, pagabbli f'Ġunju u Diċembru. |
| 2300 | Il-voti tat-Tabelli tat-Traffiku (2313) u dak tal-Marki tal-Karreġġjata (2314) ġew miżjuda sostanzjalment wara li saret analiżi tan-nefqa fuq dawn l-oqsma fl-aħħar sena. Il-vot 2319 irid jagħmel tajjeb għax-xiri ta' *litter bins* ġodda. Il-voti dwar il-Manutenzjoni tat-toroq (2311(1) u tal-Bankini (2311(2) ġew miżjuda wkoll għall-istess raġuni, filwaqt li dak li jirrigwardna Manutenzjoni Oħra (2370) ġie miżjud sabiex jagħmel tajjeb għat-titjib fl-aċċess għax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija minn Triq il-Kappillan Magri. Il-Kunsill ressaq applikazzjoni għall-fondi taħt l-Iskema dwar Aċċessibilita` Aħjar f'Postijiet Pubbliċi u permezz tagħha ġew allokati €8,100.<br><br>Il-vot dwar it-tabelli tat-traffiku u *railings* ġodda (7230) jammonta €10,000. €2,000 ġew approvati |
| 2900 | Il-vot 2930 jrid jagħmel tajjeb għall-pubblikazzjoni ta' paġna fix-xahar fil-gazzetta "Il-Mellieħa". Il-vot tan-*newsletter* (2970) tħalla fil-livell ta' €11,300 sabiex jirrifletti r-rati kuntrattwali dwar l-istampar tal-magazin "Mill-Qiegħa". In-nefqa fuq is-sensiela Ħannieqa Kulturali (2960) m'għandiex taqbeż €5,000. |
| 3000 | Il-vot tal-Ġbir tal-Iskart Organiku mid-Djar (3041) tħalla fuq il-livell tal-2011, peress li ser jibqa' fis-seħħ l-kuntratt li beda jiffunżjona f'dik is-sena. Il-ġbir tal-iskart reċiklabbli qed isir mill-kumpanija Green MT Ltd mingħajr ħlas. Min-naħa l-oħra Wasteserv Malta Ltd qed tiċċarkja €20 kull tunnellata ta' skart imħallat li jidħol fil-*landfill* tal-Għallis jew fl-Impjant ta' Sant' Antnin. Fuq direttiva tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, qed jitħallas biss l-ammont allokat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.<br><br>Il-vot dwar il-Ġbir tal-Iskart Goff ġie iffissat skont l-medja minfuqa minn xahar għal xahar matul l-2011.<br><br>Billi ser issir sejħa għall-offerti dwar il-servizz tal-Manutenzjoni u Żamma tal-Latrini Pubbliċi il-vot 3053 qed jiżdied sostanzjalment sabiex ikopri rati aktar għolja. Dan billi l-kuntrattur attwali qed jaħdem b'rati stabbiliti fil-kuntratt mogħti fil-1994.<br><br>Il-Kunsill iddeċieda wkoll li l-vot dwar il-Ġonna Pubblici (3061) għandu jiżdied sostanzjalment sabiex jagħmel tajjeb għal bdil tas-*seats* miksura fit-teatru Grieg fi Ġnien il-Qigħan, kif ukoll għall-manutenzjoni ta' natura ġenerali fil-ġonna u l-*playing fields* kollha tal-lokalita`. |
| 3200 | In-nefqa ta' €17,400 fuq it-Taħriġ qed tiġi bbażata fuq l-ispiża tas-sena preċedenti sabiex tirrifletti n-nefqa fuq is-*summer camp* għat-tfal – AvventuraSajf – kif ukoll korsijiet li ser jiġu ssussidjati mill-Kunsill taħt l-Iskema dwar it-Tagħlim Tul il-Ħajja, bħalma huma dak tal-Malti għall-Barranin u l-kompjuter. |

## 2.4. Noti dwar l-Infiq Rikorrenti

| | |
|---|---|
| 3320 | Il-vot dwar l-Ispejjeż tal-Konferenzi ġie tnaqqas għal €8,000. Dan peress li fis-sena preċedent kien hemm il-konferenza tal-EDEN, filwaqt li f'Marzu 2012 hemm ippjanata konferenza waħda fuq skala iżgħar. Din ser tkun parti mill-Proġett Terra Mirabilis li qed jitwettaq ma' erba' lokalitajiet oħra permezz tal-programm *Citizens for Europe* tal-Unjoni Ewropea. Dan il-vot jista' jiġi supplimentat permezz tal-vot 3701. |
| 3300 | Fil-vot tal-Attivitajiet Kulturali (3370) ttieħed in konsiderazzjoni l-ftehim ta' koperazzjoni li hemm fis-seħħ mal-għaqdiet mużikali li permezz tiegħu jingħataw numru ta' servizzi fil-lokalita` matul is-sena. L-istess vot ikopri l-avvenimenti li issa daħlu fil-kalendarju annwali tal-Kunsill, bħalma huma l-Ijieli Melleħin, Milied Mellieħi, *Mellieħa Gardens By Night* u oħrajn. Għalkemm din hija nefqa sostanzjali, il-Kunsill jagħmel kull sforz biex bħalma sar fis-snin preċedenti jinġieb *sponsorship* jew sostenn finanzjarju minn skemi li waqqaf il-Gvern Ċentrali u entitajiet kummerċjali.<br><br>Il-vot tas-Servizzi Komunitarji (3380) żdied b'mod sostanzjali fuq tas-sena preċedenti billi jrid jagħmel tajjeb għat-titjib li maħsub isir fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja. Irid jagħmel tajjeb ukoll għas-sehem tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Il-vot tal-Librerija Pubblika jeħtieġ ikopri x-xiri tal-kotba, kif ukoll għall-ftuħ tal-istess librerija s-Sibtijiet filgħodu. |
| 3600 | Il-vot tal-*Local Enforcement System* huwa ntiż sabiex jagħmel tajjeb għal *patrols* li qed isiru mill-Pulizija bil-għan li jsir nfurzar tal-*bye-laws* fir-rigward tal-ikkampjar u l-*barbecues*. |
| 3800 | Il-Vot dwar il-Ġemellaġġi għandu jkopri t-tliet ġemellaġġi li l-Kunsill għandu ma' Adenau, Cavriglia u Agia Napa. Is-somma vvutata tirrifletti t-*threshold* li tistabilixxi nefqa massima ta' 0.5% tal-Allokazzjoni Finanzjarju, jew €3,500, liema tkun l-ikbar. |

| Nru. tal-Kont | L-Infiq Kapitali | Bilanċ sena bażi 2011 | | ESTIMI 2012 | | 2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru.tal-Proġett | Deskrizzjoni tal-Proġett | Kont € | Proġett € | Kont € | Proġett € | Total tal-Kont € |
| **7001** | **Xiri ta' Propjetà** | | | **118,700.00** | | **118,700.00** |
| 7001 | Council Office Extension | | | | 118,700.00 | |
| **7100** | **Bini** | | | | | |
| **7200** | **Titjib** | | | **99,000.00** | | **99,000.00** |
| 7210 | Office Improvements | | | | 58,000.00 | |
| 7220 | New Street Lamps | | | | 41,000.00 | |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat** | | | **3,000.00** | | **3,000.00** |
| 7310 | Office Equipment | | | | 1,500.00 | |
| 7311 | Computer Hardware | | | | 1,500.00 | |
| **7500** | **Proġetti Speċjali** | | | **1,725,541.00** | | **1,725,541.00** |
| 7501 | Country Park Facilities | | | | 4,000.00 | |
| 7502 | Road Resurfacing | | | | 263,864.00 | |
| 7504 | Churches Area Foodlighting | | | | 6,000.00 | |
| 7505 | Tunnara Museum Project | | | | 10,000.00 | |
| 7508 | Gnien Hidmet il-Volontarjat | | | | 12,000.00 | |
| 7509 | Ta' l-Ibrag Family Park | | | | 460,000.00 | |
| 7510 | Misrah iz-Zjara tal-Papa G. Pawlu II Emb. | | | | 407,677.00 | |
| 7514 | Improvement of Coastal Areas | | | | 5,000.00 | |
| 7516 | Triq Q. Barrani Emb.& Traffic Mgmt. | | | | 117,000.00 | |
| 7519 | Triq l-Erwieh Playing Field Imp. | | | | 100,000.00 | |
| 7520 | Misrah il-Parrocca Manikata Emb. | | | | 90,000.00 | |
| 7521 | Gnien Dun Anton Debono Imp. | | | | 75,000.00 | |
| 7522 | Selmun & Imgiebah Heritage Trail | | | | 15,000.00 | |
| 7523 | Qasam Ta' Pennellu Imp. | | | | 70,000.00 | |
| 7524 | Torri l-Abjad Project | | | | 40,000.00 | |
| 7525 | Gnien il-Qighan Imp. | | | | 50,000.00 | |
| | | **0.00** | | **1,946,241.00** | | **1,946,241.00** |

**Noti:**

## 3.2. Noti Dwar in-Nefqa Kapitali

| | |
|---|---|
| 7001 | Billi ġie ffirmat konvenju li għandu jwassal għall-akkwist ta' fond sabiex jiġi estiż l-uffiċċju amministrattiv, huwa ppjanat li l-ispiża illi trid titħallas fl-2012 tammonta €118,700, filwaqt li l-pagamenti jiġu konkluża sas-sena 2013. . |
| 7200 | Il-vot tat-Titjib fin-Nefqa Kapitali (7210), jinkludi fiħ it-titjib li jkun meħtieġ isir kemm-il darba jiġi akkwistat il-fond intiż għall-estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv.<br><br>Jinkludi fiħ ukoll l-installazzjoni ta' lampi ġodda (7220), f'dawk it-toroq li ser isiru mill-ġdid fiż-żona ta' Santa Marija Estate u postijiet oħra. |
| 7310 | Dan il-vot ser jintuża biex jinxtara apparat għall-uffiċċju li kontinwament jrid jiġi aġġornat. |
| 7311 | Is-somma ndikata taħt dan il-vot hija ntiża sabiex isir it-titjib meħtieġ minn żmien għal żmien fuq is-sistema tal-kumpjuter mħaddma fl-uffiċċju. |
| 7501 | Dan il-vot huwa intiż sabiex isiru faċilitajiet f'postijiet ta' rikrejazzjoni eż: fil-postijiet li ġew indikati għall-ikkampjar u *barbecues* ġewwa l-Aħrax u fl-Għadira. |
| 7502 | Il-programm tat-titjib fit-toroq ser ikompli bir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier, bejn Triq Ramlet il-Qortin sal-Ponta tal-Aħrax. Dan ser isir permezz ta' kuntratt li jipprovdi għal *private partnership bejn il-Kunsill, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u kuntrattur privat*. Il-Kunsill qed jippjana wkoll li jagħmel *resurfacing* tal-parkeġġ li hemm fil-bidu ta' Dawret it-Tunnara, kantuniera ma' Triq il-Marfa. |
| 7504 | Il-*floodlighting* fit-toroq ta' madwar il-Knisja Parrokkjali, li fil-parti l-kbira twettaq fl-2011, filwaqt li huwa maħsub li dan jiġi konkluż matul is-sena koperta b'dawn l-estimi. |
| 7505 | Is-somma vvutata hija ntiża sabiex isir ir-restawr tal-ħitan esterni tal-Batterija ta' Westreme, liema bini jospita l-Mużew tat-Tunnara. |
| 7508 | Il-pagamenti dovuti mat-tieni fażi ta' Ġnien il-Volontarjat mistennija li jiġu konklużi matul l-2012. Dan il-proġett ibbenefika mill-Fond għat-Titjib Urban tal-MEPA, li l-aħħar *tranche*` dovuta minnu, titħallas hekk kif jinħareġ il-*complaince certificate* mill-istess Awtorita`. |
| 7509 | Il-proġett tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ huwa wieħed estensiv u jinvolvi spiża relattivament kbira. Kif sar f'lokalitajiet oħra, intalab l-intervent tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali sabiex ikun jista' jitwettaq bi sħab, fejn l-istess ministeru qed jikkontribwixxi bir-riżorsi umani tiegħu, kif ukoll qabbad kuntratturi privati għall-bini tad-*dressing rooms*, ħitan tas-sejjieħ u pavimentar. L-installazzjoni tad-dwal, u r-*rubber flooring* ser jiġu ffinanzjati totalment mill-Kunsill, filwaqt li ser jagħmel tajjeb ukoll għall-parti mill-ispiża nvoluta fil-paviment. |
| 7510 | Kien hemm tibdil fil-pjanijiet tal-Kunsill dwar il-proġett ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, fis-sens li minbarra t-tisbiħ tal-misraħ innifsu, ġie nkluż il-bdil tal-aperturi tal-aluminju tal-bini antik li hemm fl-istess misraħ. Il-proġett jinvolvi t-trasferiment tas-siġar tal-ficus illi qed iħammġu l-post u jagħmlu ħsara fil-bini u l-wiċċ tat-triq. |
| 7514 | Il-Kunsill qed jaħseb li jkun hemm titjib f'żoni kostali, bħala parti mill-isforzi li qed isiru sabiex il-Bajja tal-Mellieħa tilħaq l-i*standard* ta' *Blue Flag.* |
| 7516 | Il-Kunsill għandu l-permess tal-MEPA biex is-*soft area* li hemm bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida jinbidel f'post ta' rikrejazzjoni, fejn isiru passaġġi bankijiet, kif ukoll jitħallew partijiet bil-ħamrija. Ix-xogħol fuq dan il-proġett twaqqaf temporanjament sakemm il-MEPA tapprova tibdil fil-permess oriġinali. Il-permess dwar il-modifiki li saru, sussegwentement inħareġ u x-xogħol tkompla. |
| 7519 | It-titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ jinkludi primarjament it-tneħħija tal-ħajt li hemm matul il-belveder u minfloku jsir puġġaman tal-ħadid biex tkun tista' titgawda aktar il-veduta. Jinvolvi wkoll bdil ta' *play equipment* li qdiem jew huwa kkunsidrat bħala perikoluż. |

## 3.2. Noti Dwar in-Nefqa Kapitali

| | |
|---|---|
| 7520 | Il-Kunsill qed jagħmel it-tħejjijiet u l-konsultazzjoni meħtieġa sabiex isir it-tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa, quddiem il-knisja fil-Manikata, filwaqt li għaddejjin kuntatti ma' Transport Malta biex tinfetaħ it-triq ippjanata li tgħaddi biswit Ġnien iż-Żerniq u tingħaqad ma' Triq il-Knisja l-Qadima. B'dan il-mod ikunu jistgħu jsiru attivitajiet fil-pjazza b'aktar sigurta`, mingħajr il-ħtieġa li tingħalaq it-triq bejn il-Mellieħa u l-Manikata. |
| 7521 | Wara l-approvazzjoni tal-proposta li saret mill-Kunsill taħt l-Iskema dwar Enerġija Alternattiva, għandha tiġi nstallata sistema li tiġġenera l-elettriku permezz ta' pannelli fotovoltaiċi fi Ġnien Dun Anton Debono. Is-sistema tad-dwal fl-istess ġnien tirrikjedi tiswijiet estensivi peress li spiss dan il-post ikun fid-dlam, partikularment meta tagħmel ix-xita. |
| 7522 | Il-proġett dwar il-ħolqien ta' *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ huwa wieħed estensiv li jirrikjedi finanzjament sostanzjali li stmat illi jlaħħaq €906,173. Bil-għan li jitwettaq, saru żewġ applikazzjonijiet mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Iżvilupp Rurali għall-finanzjament taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali taħt il-Miżuri 313 u 323. Il-Gvern Ċentrali ser jissieħeb fil-finanzjament ta' dan il-proġett billi jkopri l-kofinanzjament u l-ħlas tal-VAT involuti. Minkejja dan, il-Kunsill qed jalloka somma ta' €15,000 sabiex ikopri spejjeż li jinqalgħu illi m'humiex eliġibbli taħt iż-żewġ miżuri msemmija. |
| 7523 | Permezz ta' fondi allokati mill-Awtorita` tad-Djar, il-Kunsill qed iwettaq it-titjib ta' passaġġi u *soft areas* u ntroduzzjoni ta' *play equipment* fil-Qasam Ta' Pennellu. L-Awtorita` allokat €70,000 għal dan il-proġett. |
| 7524 | Il-Kunsill ngħata t-Torri l-Abjad b'titolu ta' devoluzzjoni bil-għan li dan jiġi restawrat u jinżamm miftuħ għall-pubbliku. Għal dan il-għan għaddejjin kuntatti mal- *Historical Military and Maritime Society*. |
| 7525 | Ġnien il-Qigħan safa l-mira tal-vandali diversi drabi u għalhekk ser tiġi nstallata sistema ta' *CCTV*. Wara spezzjonijiet li saru minn uffiċjali tal-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* ġew indikati numru ta' fatturi li jeħtieġ jiġu trattati bil-għan li jkun hemm titjib fis-sigurta` għat-tfal li jiffrekwentaw dawn il-postijiet. Fost dawn hemm il-bdil tas-sistema tad-dwal u t-tqegħid ta' *wire netting* bejn l-istess ġnien u d-Dar tal-Anzjani, li attwalment in-nuqqas tagħhom joffri ċerti perikli għal min jiffrekwenta dan il-post. |

| A/C. No. | PROJECT | QTR 1 JAN/MAR | QTR 2 APR/JUN | QTR 3 JUL/SEP | QTR 4 OCT/DEC | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Acquisition of Property** | | | | | |
| 7001 | Council Office Extension | | | 118,700.00 | | 118,700.00 |
| | Total | 0.00 | 0.00 | 118,700.00 | 0.00 | 118,700.00 |
| | | | | | | |
| 7100 | **Contruction** | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0 | Total | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | | | | | | |
| | **Improvements** | | | | | |
| 7210 | Office Improvements | | | 29,000.00 | 29,000.00 | 58,000.00 |
| 7220 | New Street Lamps | | | | 41,000.00 | 41,000.00 |
| 7230 | New Traffic Signs/Railings | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7245 | New Litter Bins | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| | Total | 0.00 | 0.00 | 29,000.00 | 70,000.00 | 99,000.00 |
| | | | | | | |
| | **Plant and Equipment** | | | | | |
| 7310 | Office Equipment | 375.00 | 375.00 | 375.00 | 375.00 | 1,500.00 |
| 7311 | Computer Hardware | 375.00 | 375.00 | 375.00 | 375.00 | 1,500.00 |
| | Total | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 3,000.00 |
| | | | | | | |
| | **Special Projects** | | | | | |
| 7501 | Country Park Facilities | | 2,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 4,000.00 |
| 7502 | Road Resurfacing | | 131,932.00 | 131,932.00 | | 263,864.00 |
| 7504 | Churches Area Foodlighting | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | | 6,000.00 |
| 7505 | Tunnara Museum Project | | | 5,000.00 | 5,000.00 | 10,000.00 |
| 7508 | Gnien Hidmet il-Volontarjat | | | 6,000.00 | 6,000.00 | 12,000.00 |
| 7509 | Ta' l-Ibrag Family Park | 115,000.00 | 115,000.00 | 115,000.00 | 115,000.00 | 460,000.00 |
| 7510 | Misrah iz-Zjara tal-Papa G. Pawlu II Emb. | 101,919.25 | 101,919.25 | 101,919.25 | 101,919.25 | 407,677.00 |
| 7514 | Improvement of Coastal Areas | | 2,500.00 | 2,500.00 | | 5,000.00 |
| 7516 | Triq Q. Barrani Emb.& Traffic Mgmt. | 58,500.00 | 58,500.00 | | | 117,000.00 |
| 7519 | Triq l-Erwieh Playing Field Imp. | | | 50,000.00 | 50,000.00 | 100,000.00 |
| 7520 | Misrah il-Parrocca Manikata Emb. | | | | 90,000.00 | 90,000.00 |
| 7521 | Gnien Dun Anton Debono Imp. | 37,500.00 | 37500.00 | | | 75,000.00 |
| 7522 | Selmun & Imgiebah Heritage Trail | 3,750.00 | 3,750.00 | 3750.00 | 3,750.00 | 15,000.00 |
| 7523 | Qasam Ta' Pennellu Imp. | | 35,000.00 | 35000.00 | | 70,000.00 |
| 7524 | Torri l-Abjad Project | | | 20000.00 | 20,000.00 | 40,000.00 |
| 7525 | Gnien il-Qighan Imp. | | 25,000.00 | 25000.00 | | 50,000.00 |
| | | 318,669.25 | 515,101.25 | 499,101.25 | 392,669.25 | 1,725,541.00 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 7001 | **Acquisition of Property** | 0.00 | 0.00 | 118,700.00 | 0.00 | 118,700.00 |
| 7100 | **Contruction** | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7200 | **Improvements** | 0.00 | 0.00 | 29,000.00 | 70,000.00 | 99,000.00 |
| 7300 | **Plant and Equipment** | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 3,000.00 |
| 7500 | **Special Projects** | 318,669.25 | 515,101.25 | 499,101.25 | 392,669.25 | 1,725,541.00 |
| | | | | | | |
| 7000 | **Total Expenditure** | 319,419.25 | 515,851.25 | 647,551.25 | 463,419.25 | 1,946,241.00 |

## PREVIZJONI TAL-CASH FLOW MATUL IS-SENA FINANZJARJA KURRENTI

| Nru. tal- Kont | DESKRIZZJONI | PREVIZJONI 2011 € | KWT 1 JAN/MAR 2012 € | KWT 2 APR/GUN 2012 € | KWT 3 LUL/SET 2012 € | KWT 4 OTT/DIC 2012 € | TOTAL 2012 2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | | |
| 0001 | Annwali | 943,873.20 | 247,732.00 | 247,732.00 | 247,732.00 | 247,732.00 | 990,928.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | | | 0.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 5,000.00 | | | | | 0.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Gov | 48,700.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0015 | Ħwejjeġ oħra | 160,501.00 | 154,046.25 | 154,046.25 | 154,046.25 | 154,046.25 | 616,185.00 |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 15,330.00 | 2,450.00 | 2,450.00 | 2,450.00 | 2,450.00 | 9,800.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 8,902.00 | 75.00 | 75.00 | 75.00 | 75.00 | 300.00 |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 0066 | Ġenerali | 2,000.00 | 400.00 | 400.00 | 400.00 | 400.00 | 1,600.00 |
| 0070 | Fondi ta' l-Unjoni Ewropea | 19,400.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 1,250.00 | 5,000.00 |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 6,065.00 | | | | 10,000.00 | 10,000.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | | 0.00 |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 3,300.00 | 125.00 | 125.00 | 125.00 | 125.00 | 500.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 169,100.00 | 9,061.25 | 9,061.25 | 9,061.25 | 9,061.25 | 36,245.00 |
| | **TOTAL** | 1,382,171.20 | 415,139.50 | 415,139.50 | 415,139.50 | 425,139.50 | 1,670,558.00 |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 9,561.00 | 2,405.50 | 2,405.50 | 2,405.50 | 2,405.50 | 9,622.00 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 68,388.61 | 19,452.50 | 19,452.50 | 19,452.50 | 19,452.50 | 77,810.00 |
| 1300 | Bonus | 6,455.00 | 2,198.93 | 675.50 | 0.00 | 3,580.50 | 6,454.93 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,053.75 | 605.50 | | 605.50 | | 1,211.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali | 6,214.00 | 1,781.25 | 1,781.25 | 1,781.25 | 1,781.25 | 7,125.00 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 1700 | Sahra | 1,471.80 | 625.00 | 625.00 | 625.00 | 625.00 | 2,500.00 |
| 1800 | L-Onorarja tal-Kunsillieri | 8800.00 | | 4,400.00 | | 4,400.00 | 8,800.00 |

## 4.1 Estimi tal-Flus Kontanti (ikompli)

### PREVIZJONI TAL-CASH FLOW MATUL IS-SENA FINANZJARJA KURRENTI

| Nru. tal- Kont | DESKRIZZJONI | PREVIZJONI 2011 € | KWT 1 JAN/MAR 2012 € | KWT 2 APR/GUN 2012 € | KWT 3 LUL/SET 2012 € | KWT 4 OTT/DIC 2012 € | TOTAL 2012 2012 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra** | | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 15,550.00 | 4,041.25 | 4,041.25 | 4,041.25 | 4,041.25 | 16,165.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 2,000.00 | 950.00 | 950.00 | 950.00 | 950.00 | 3,800.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 103,800.00 | 48,025.00 | 48,025.00 | 48,025.00 | 48,025.00 | 192,100.00 |
| 2400 | Kera | 1,149.00 | 1,350.00 | | 1,350.00 | | 2,700.00 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Inter/nazzjonali | 530.00 | 300.00 | 300.00 | 300.00 | 300.00 | 1,200.00 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 7,700.00 | 2,250.00 | 2,250.00 | 2,250.00 | 2,250.00 | 9,000.00 |
| 2700 | Trasport | 2,000.00 | 975.00 | 975.00 | 975.00 | 975.00 | 3,900.00 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 1,088.00 | 950.00 | 950.00 | 950.00 | 950.00 | 3,800.00 |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 13,726.00 | 5,825.00 | 5,825.00 | 5,825.00 | 5,825.00 | 23,300.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 303,200.00 | 79,167.75 | 79,167.75 | 79,167.75 | 79,167.75 | 316,671.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 14,309.00 | 5,275.00 | 5,275.00 | 5,275.00 | 5,275.00 | 21,100.00 |
| 3200 | Taħriġ | 22,000.00 | 4,475.00 | 4,475.00 | 4,475.00 | 4,475.00 | 17,900.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 87,148.00 | 21,775.00 | 21,775.00 | 21,775.00 | 21,775.00 | 87,100.00 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 2,810.00 | 775.00 | 775.00 | 775.00 | 775.00 | 3,100.00 |
| 3600 | LES Spejjez ta` l-Infurzar Lokali | 1,580.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 2,000.00 |
| 3700 | Progetti ta' l-Unjoni Ewropea | 5,439.04 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 10,000.00 |
| 3800 | Gemellaggi | 3,918.00 | 3,715.98 | 3,715.98 | 3,715.98 | 3,715.98 | 14,863.92 |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | 23,800.00 | 0.00 | 0.00 | 118,700.00 | 0.00 | 118,700.00 |
| 7100 | Bini | | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| 7200 | Titjib | 80,000.00 | 0.00 | 0.00 | 29,000.00 | 70,000.00 | 99,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 710.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 750.00 | 3,000.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 604,129.00 | 318,669.25 | 515,101.25 | 499,101.25 | 392,669.25 | 1,725,541.00 |
| | **TOTAL** | **1,398,530.20** | **529,337.91** | **726,690.98** | **855,270.98** | **677,163.98** | **2,788,463.85** |
| | **BILANĊ FAVUR / (KONTRA)** | (16,359.00) | (114,198.41) | (311,551.48) | (440,131.48) | (252,024.48) | (1,117,905.85) |
| | **X'KELLNA QABEL** | 1,305,015.00 | 1,288,656.00 | 1,174,457.59 | 862,906.11 | 422,774.63 | 1,288,656.00 |
| | **X'GHANDNA ISSA** | 1,288,656.00 | 1,174,457.59 | 862,906.11 | 422,774.63 | 170,750.15 | 170,750.15 |

**Noti:**

Meta wieħed jara d-dħul kontra l-infieq li kien hemm fis-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011, huwa mistenni li din tingħalaq bi żbilanċ ta' ftit iktar minn €16,000. Jirriżulta wkoll mir-rapport tal-awditur li fl-1 ta' Jannar 2011, kien hemm bilanċ fil-kontijiet tal-bank ta' ftit inqas minn €1,305,000. Dan għamilha possibbli li nibdew is-sena finanzjarja fl-1 ta' Jannar 2012 b'bilanċ pożittiv ta' €1,272,000 wara li nqatgħu l-ispejjeż kollha tas-sena kurrenti. Huwa stmat ukoll li fis-sena li ġejja jkun hemm dħul ieħor aparti l-allokazzjoni annwali li jlaħħaq €616,000, mill-iskemi, drittijiet li jitħallsu għall-ħruġ ta' permessi, eċċ. Flimkien ma' dawn ser ikun hemm l-Allokazzjoni Annwali mill-Gvern Ċentrali, li fit-totalita` tagħhom ser jiffinanzjaw in-nefqa rikorrenti u l-proġetti kapitali li ppjana l-Kunsill.